**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 12 ta` Jannar 2016**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Nru. 990/10 JZM**

**Michael Debono (ID 371953)**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat minn Michael Debono fit-30 ta` Settembru 2010 li jaqra hekk :–

*Illi r-rikorrent kien id-direttur tas-socjeta` M.A. Supermarkets Limited, bin-numru ta` registrazzjoni C-20973, liema socjeta` giet inkorporata fil-hmistax ta` Jannar tas-sena elf disgha mija sebgha u disghin, bl-indirizz Price Point Supermarket, Triq il-Pitkali, Marsa ;*

*Illi fis-sena elfejn u wiehed (2001) din il-kumpannija ma baqghatx solventi u ghalhekk il-kredituri tal-kumpannija bdew proceduri ta` stralc fil-konfront tal-kumpannija liema proceduri kienu ta` 'creditor's voluntary winding up'. In vista ta` dan fis-seba (7) ta` Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) waqt laqgha tal-kredituri gie appuntat l-intimat Simon Vella. L-istralc tal-kumpannija ghadu sa llum ma giex konkluz ;*

*Illi r-rikorrenti m`ghandux informazzjoni dettaljata fuq in-numru ta` kredituri u l-ammonti dovuti lilhom peress li l-istralcjarju Simon Vella qatt ma ghadda din l-informazzjoni anki minkejja l-fatt li gie mitlub jiffornixxi din l-informazzjoni diversi drabi mir-rikorrent innifsu. Minkejja dan ir-rikorrent jaf li hemm numru zghir ta` kredituri li ghandhom garanzija personali ghall-hlas ta` kreditu fil-konfront tieghu jew jedd skond il-ligi li jirkupraw l-ammont dovut minn ghandu personalment ;*

*Illi qabel ma nbeda l-istralc tal-kumpannija diversi kredituri tas-socjeta` M.A. Supermarkets Limited, talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tohrog numru ta` Mandati ta` Sekwestru fil-konfront tal-kumpannija minhabba diversi krediti dovuti lilhom. Apparti dan kollu, wara li nbeda l-istralc diversi kredituri li kellhom garanzija personali minn Michael Debono, bhala garanti ta` debiti li kellha s-socjeta` M.A. Supermarkets Limited, kif ukoll Simon Vella fil-kapacita` tieghu ta` stralcjarju ta` l-istess kumpannija, talbu ghall-hrug ta` diversi Mandati ta` Sekwestru fil-konfront tar-rikorrent personalment ;*

*Illi hemm erbgha kredituri li ghandhom garanzija personali jew jedd skond il-ligi fil-konfront tar-rikorrent personalment. Dawn huma l-**Bank of Valletta p.l.c.**, il-**Kummissarju tat-Taxxi Interni**, **Paolo Bonnici Limited** u **Savemart Limited** ;*

*Illi s-socjeta` M.A. Supermarkets Limited kellha diversi facilitajiet mas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. Fl-2001 is-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. kienet kreditrici tas-socjeta` M.A. Supermarkets Limited ghas-somma ta` mija hamsa u tletin elf Liri Maltin (Lm 135,000) ekwivalenti ghal tlett mija erbatax-il elf hames mija u hamsin Euro (€314,550). Fuq id-debitu komplessiv kien hemm zewg garanziji personali : l-ewwel wahda ggib id-data tat-8 ta` Marzu 1999 u t-tieni wahda ggib id-data tas-26 ta` Ottubru 1999. Illi permezz ta` dawn iz-zewg garanziji personali r-rikorrent Michael Debono flimkien ma` martu Jane Debono ggarantew flimkien u 'in solidum' mas-socjeta` M.A.*

*Supermarkets Limited lil Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll ipotekaw il-proprjeta` immobbli taghhom a favur il-Bank ;*

*Illi s-socjeta' M.A. Supermarkets ghandha thallas kontribuzzjonijiet lill-***Kummissarju tat-Taxxi Interni** *li jammontaw ghal mija u elf, tlett mija u hamsa u ghoxrin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€101,325.41) u dana skond ir-regola 24 tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-Final Settlement System (Avviz Legali 88/94) u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u l-Artikolu 116 ta` l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap. 318) ghal dak li jirrigwarda tnaqqis li kellu jsir mill-pagi u s-salarji ta' l-impjegati ta` M.A. Supermarkets Limited matul il-perjodu snin bazi Frar 2000 sa Marzu 2001. Illi skond il-ligi Michael Debono fil-kapacita` tieghu huwa responsabbli ghall-hlas ta` dawn il-kontribuzzjonijiet ;*

*Illi f`kawza bl-ismijiet* ***Savemart Company Limited et. v. Michael Debono****, ir-rikorrent kien ordnat ihallas is-somma ta` dsatax-il elf sitt mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin (Lm19,623.96) ekwivalenti ghal hamsa u erbghin elf, sebgha mija u hdax-il Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€45,711.53), liema somma kienet dovuta mis-socjeta` M.A. Supermarkets Limited. Madanakollu r-rikorrent fil-kapacita` tieghu personali kien deher fuq skrittura privata u kien irratifika l-obbligazzjonijiet assunti mis-socjeta` M.A. Supermarkets Limited u ddikjara illi in solidum mas-socjeta` M.A. Supermarkets qieghed jiggarantixxi l-istess obbligazzjonijiet ;*

*Illi f`kawza ohra bl-ismijiet* ***Paolo Bonnici Limited v. M.A. Supermarkets Limited et.*** *r-rikorrent flimkien ma` Mark u Alex Debono kienu ordnati jhallsu is-somma ta` ghaxart elef disa mija u erbgha u sittin Liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm10,964.31) ekwivalenti ghas-somma ta` hamsa u ghoxrin elf hames hames mija disgha u tletin Ewo sebgha u disghin centezmu (€25,539.97). Hawnhekk ukoll ir-rikorrenti dahal bhala garanti personali ghas-somma dovuta lis-socjeta` Paolo Bonnici Limited ;*

*Illi permezz ta` numru ta` mandati ta` sekwestru li nhargu minn bosta kredituri, fosthom dawk imsemmija hawn fuq, gew depozitati l-Qorti diversi ammonti ta` flus taht l-awtorita` ta` din l-Onorabbli Qorti. Illi prattikament nofs il-flus li gie depozitat il-Qorti kien jippartjeni lil Michael Debono personalment pero' gew iddepozitati in kawtela ta` garanzija personali li kellu a favur ta' M.A. Supermarkets filwaqt li n-nofs l-iehor huwa flus li kien jippartjeni lis-socjeta` M.A. Supermarkets direttament ;*

*Illi l-flus li gie depozitat fl-awtorita` ta` din l-Onorabbli Qorti huwa mqassam fis-segwenti Cedoli ta` Depozitu :*

*1. L-ammont ta` sebgha u hamsin elf, mitejn u erba u sittin Euro (€57,264) ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin elf, hames mija tlieta u tmenin Ewro tlieta u erbghin centezmu (€24,583.43) liema ammont kien iddepozitat permezz ta` Cedola ta` Depozitu numru 581/2003, hawnhekk immarkat bhala Dok. A, wara hrug ta` Mandat ta` Sekwestru nru. 677/03, hawnhekk immarkat bhala Dok. B, mis-socjeta` Savemart Limited fil-konfront ta` Simon Vella fil-kapacita` tieghu bhala stralcjarju tas-socjeta` M.A. Supermarkets Limited u liema somma tappartjeni lis-socjeta` M.A. Supermarkets Limited wara li l-istralcjarju kien biegh xi stock ta` l-istess kumpannija ;*

*2. L-ammont ta` erbghin elf, mitejn u disgha u erbghin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€40,249.42) ekwivalenti ghal-sbatax-il elf, mitejn u erbgha u sebghin Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm17,274.43) liema ammont kien sehem tar-rikorrent wara bejgh ta` proprjeta` u li gie depozitat permezz ta` Cedola ta` Depozitu tal-Bank of Valletta nru. 783/2006, hawnhekk immarkat bhala Dok. C, fl-atti tas-segwenti :*

a. *Mandat ta` Sekwestru nru. 1988/01 fl-ismijiet Camel Brand Company Limited v. Michael Debono u M.A. Supermarkets Limited ;*
b. *Mandat ta` Sekwestru nru. 1600/05 fl-ismijiet Camel Brand Company Limited v. M.A. Supermarkets Limited ;*
c. *Mandat ta` Sekwestru nru. 2409/02 Bank of Valletta p.l.c. v. Michael u Jane mizzewgin Debono ;*
d. *Mandat ta` Sekwestru nru. 1692/05 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. v. Michael u Jane mizzewgin Debono ;*
e. *Mandat ta` Sekwestru nru. 2448/04 (magistrati) fl-ismijiet Director of Wireless & Telegraphy v. Michael Debono ;*
f. *Mandat ta` Sekwestru nru. 1727/05*
g. *Mandat ta` Sekwestru nru. 1301/01 fl-ismijiet Paolo Bonnici v. Michael Debono, M.A. Supermarkets Limited, Mark Debono u Alex Debono ;*
h. *Mandat ta` Inibizzjoni nru. 2904/01 fl-ismijiet Savemart Limited v. Michael Debono ;*
i. *Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 2073/03 fl-ismijiet Simon Vella nomine et v. Michael Debono et.*

*3. L-ammont ta` tlieta u ghoxrin elf, hames mija u sebghin Euro (€23,570), liema ammont gie ssekwestrat mill-mandati hawn fuq imsemmija*

*pero` qatt ma gie depozitat mill-Bank of Valletta p.l.c. stante li dan l-ammont kien mizmum f`'joint account' ma` terza persuna, John Debono. Pero` ricentement ir-rikorrent akkwista awtorizzazzjoni minn John Debono sabiex dan l-ammont jigi depozitat il-Qorti, liema awtorizzazzjoni hija mmarkata Dok. D. li hija ittra datata 14 ta` Settembru 2010. Ghaldaqstant din is-somma ghandha tigi depozitata l-Qorti ;*

*Illi kif huwa spjegat hawn fuq ir-rikorrent ghandu espozizzjoni personali ghad-debiti ta` M.A. Supermarkets Limited peress illi huwa garanti personali fil-konfront ta` numru ta` kredituri ta` M.A. Supermarkets Limited. Illi bir-rispett kollu lejn il-krredituri kollha, minkejja l-fatt li hemm total ta` mija u wiehed u ghoxrin elf u tlieta u tmenin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€121,083.42) l-ebda wiehed minnhom ma nieda proceduri sabiex jipprova jirkupra parti jew l-ammont kollu ta` kreditu dovut lilu ;*

*Illi r-rikorrent huwa ukoll kreditur ta` M.A. Supermarkets Limited ghas-somma ta` sebgha mija u wiehed u tmenin Euro u wiehed u sittin centezmu (€781.61) liema somma hija dovuta skond taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez ta` Citazzjoni Nru. 1836/01 AF fl-ismijiet Simon Vella noe v. Michael Debono liema kawza giet dezerta fil-Qorti Civili Prim Awla fis-26 ta` Dicembru 2008 u liema taxxa giet ezekuttiva permezz ta` ittra ufficjali datata 24 ta` Lulju 2009, nru. 3867/2009 hawnhekk immarkat bhala Dok. E ;*

*Ghaldaqstant, peress ir-rikorrent ai termini ta` l-Artikolu 416 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ghandu interess fil-flus li huma ddepozitati permezz tac-Cedoli hawn fuq imsemmija billi huwa garanti personali fil-konfront ta` diversi kredituri u peress li huwa stess huwa kreditur tas-socjeta` M.A. Supermarkets Limited jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-*

*1. **Tordna** konkors ta` kredituri ai termini tal-Artikolu 416 sa l-Artikolu 435 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, fuq is-somma ta` sebgha u hamsin elf, mitejn u erba u sittin Euro (€57,264) ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin elf, hames mija u tlieta u tmenin Liri Maltin tlieta u erbghin centezmu (Lm24,583.43) li tappartjeni lil M.A. Supermarkets u li giet depozitata taht l-Awtorita` ta` din l-Onorabbli Qorti permezz ta` Cedola ta` Depozitu numru 581/2003 u **tiddeciedi** liema kreditur ghandu jedd aqwa minn ohrajn jew qabilhom sabiex jizbanka l-imsemmija somma ;*

*2. **Tordna** konkors ta` kredituri ai termini tal-Artikolu 416 sa l-Artikolu 435 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, fuq is-somma ta` erbghin elf,*

*mitejn u disgha u erbghin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€40,249.42) ekwivalenti ghal sbatax-il elf, mitejn disa` u sebghin liri Maltin seba` centezmi (Lm 279.07) li tappartjeni lil Michael Debono personalment u li giet depozitata taht l-awtorita` ta` din l-Onorabbli Qorti permezz ta` Cedola ta` Depozitu numru 783/2006 u* ***tiddeciedi*** *liema kreditur ghandu jedd aqwa minn ohrajn jew qabilhom sabiex jizbanka l-imsemmija somma ;*

*3.* ***Tordna*** *konkors ta` kredituri ai termini tal-Artikolu 416 sa l-Artikolu 435 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, fuq is-somma ta` tlieta u ghoxrin elf, hames mija u sebghin Euro (€23,570) li tappartjeni lil Michael Debono personalment u li ghandha tigi depozitata l-Qorti fil-jiem li gejjin mill-Bank of Valletta p.l.c. u* ***tiddeciedi*** *liema kreditur ghandu jedd aqwa minn ohrajn jew qabilhom sabiex jizbanka l-imsemmija somma.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors promotur.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta` Ottubru 2010.

Rat ir-rikorsi li pprezentaw il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-Bank of Valletta plc sabiex jigu ammessi jikkonkorru bhala kredituri.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta` Dicembru 2010.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Frar 2011.

Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn hatret lill-Av. Dr. Richard Galea Debono bhala perit legali sabiex jirrelata dwar il-konkors tal-kredituri wara li jiehu konjizzjoni tal-atti u tal-posizzjoni li hadu l-partecipanti.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tad-29 ta` Novembru 2011 fejn ammettiet lil Salvatore D`Emanuele esercenti l-kummerc bhala S & A D`Emanuele bhala kreditur konkorrent fil-procediment tal-lum.

Rat il-verbal tal-udjenzi tat-28 ta` Frar 2012 u tal-14 ta` Gunju 2012.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Ottubru 2014 fejn id-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz tal-avukat tieghu ddikjara li ma kellux aktar interess jibqa` jippartecipa fil-konkors billi l-ammonti dovuti lilu thallsu fil-mori tal-procediment.

Rat in-nota li pprezenta l-Kummissarju tat-Taxxi Interni fid-9 ta` Marzu 2015.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit legali fid-19 ta` Mejju 2015 u li l-kontenut taghha kkonferma bil-gurament fl-udjenza tas-7 ta` Lulju 2015.

Rat l-atti tal-procediment fl-istadju kollu meta kien kondott mill-perit legali, inkluz il-provi u l-atti ohra li ngiebu ghall-konjizzjoni tieghu mid-diversi krendituri konkorrenti.

Rat in-nota li pprezentat is-socjeta` Bank of Valletta plc fl-14 ta` Lulju 2015 fejn talbet in-nomina ta` periti addizzjonali.

Rat ir-relazzjoni addizzjonali li pprezenta l-perit legali fid-9 ta` Lulju 2015 u li l-kontenut taghha kkonferma bil-gurament fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2015.

Rat illi fl-istess udjenza is-socjeta` Bank of Valletta plc irtirat it-talba taghha ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat il-bqija tal-atti tal-kawza.

## II. <u>L-Art 416 tal-Kap 12</u>

Ir-rikorrent ippromwova t-talbiet tieghu abbazi tal-Art 416 tal-Kap 12 li jaqra :-

*(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepozitati flus, illi fuqhom izjed minn zewg persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta` haddiehor jew qabilhom, jew xi interess iehor, il-qorti, fuq rikors ta` wiehed minn dawk il-pretendenti, tordna, bil-mezz tar-registratur, li, f`gazzetta wahda jew izjed, fosthom f`kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b`dak id-depozitu u b`dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull min jista` jkollu interess sabiex igib `il quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar ; u meta jaghlaq dak iz-zmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f`dak iz-zmien, ma tista` twaqqaf jew xort`ohra zzomm il-kawza ta` konkors milli tigi deciza bejn dawk li jkunu dehru.*

*(2) Fl-avviz hawn fuq imsemmi ghandu jkun hemm il-jum li fih, wara li jaghlaq l-imsemmi zmien ta` xahar, il-partijiet interessati kollha li jkunu giebu `l quddiem il-pretensjonijiet taghhom, ghandhom jidhru fil-qorti ghas-smigh tal-kawza.*

*(3) F`affarijiet tal-kummerc, iz-zmien hawn fuq imsemmi jista` jigi mqassar daqs kemm il-qorti jidhrilha li jkun bizzejjed.*

*(4) Bl-avviz hawn fuq imsemmi ghandhom ikunu nnotifikati d-depozitanti, id-debitur, il-kredituri esekutanti kif ukoll kull kreditur iehor li fuq talba tieghu jkun gie mahrug mandat ta` sekwestru.*

Il-procedura tal-konkors tigi istitwita minn wiehed mill-pretendenti tad-debitur li jkun qed jippretendi li ghandu jedd aqwa minn ta` kredituri ohra.

Fid-decizjoni ta` din il-Qorti tal-24 ta` Ottubru 1960 fil-"**Konkors tal-Kredituri tal-Eredita` Gjacenti ta` Lewis Spiteri Debono**" nghad illi "*il-konkors tal-kredituri huwa gudizzju kontra d-debitur.*" Ghalhekk ir-rikors ghandu jigi prezentat minn kreditur.

Debitur ma jistax jipprezenta r-rikors *de proprio* ghaliex l-eventwali gudizzju ghandu effett fil-konfront tieghu.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikors kien ipprezentat minn Michael Debono bhala persuna nteressata billi huwa garanti personali fil-konfront ta` diversi kredituri ta` d-debitur M.A. Supermarkets Limited, kif ukoll billi jidher li huwa kreditur ta` l-istess M.A. Supermarkets Limited.

Ghalkemm il-procedura tal-lum kienet limitata ghal cedoli ta` depozitu li saru fil-konfront ta` Michael Debono *de proprio*, id-debitur jibqa` M.A. Supermarkets Limited.

Ghalkemm Michael Debono kien involut fil-kwistjoni bhala garanti personali, din il-garanzija kienet ghad-djun tal-kumpannija M.A. Supermarkets Limited.

Ghalhekk b`riferenza ghall-osservazzjoni li ghamlet is-socjeta` Bank of Valletta plc fis-sens illi Michael Debono *de proprio* ma setax jitlob il-ftuh ta` dan il-konkors, il-fehma tal-bank mhijiex kondiviza mill-Qorti stante li d-debitur baqghet M.A. Supermarkets Limited.

Il-procedura tal-lum hija limitata ghal Michael Debono *de proprio* bhala garanti personali ta` M.A. Supermarkets Limited u mhux ghal li jirrigwarda lil M.A. Supermarkets Limited, billi c-cedoli ta` depozitu riferibbli ghal M.A. Supermarkets Limited sejrin jigu trattati fil-kors tal-procediment ta` stralc tal-kumpannija li huwa pendenti quddiem din il-Qorti <u>kif presjeduta</u>. Billi c-cedola ta` depozitu bin-numru 581/2003 tirrigwarda M.A. Supermarkets Limited, il-Qorti mhijiex sejra taghtiha konsiderazzjoni ghall-fini tal-procediment tal-lum. Ghandu jigi rilevat ukoll li s-somma li kien hemm depozitata permezz ta` dik ic-cedola giet irtirata minn Savemart Company Limited. Il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kwistjoni tal-legittimita` o meno ta` dak l-izbank stante li jirrigwarda M.A. Supermarkets Limited. Jekk ikun il-kaz, il-materja tinghata konsiderazzjoni fil-kors tal-procediment ta` stralc fuq riferit.

Il-Qorti qeghda taghmel il-posizzjoni cara fis-sens illi fil-procediment tal-lum hija sejra tqis il-konkors ta` kredituri ta` Michael Debono *de proprio* ghar-cedoli ta` depoziti li jirrigwardaw lilu bhala <u>garanti personali</u> ta` M.A. Supermarkets Limited.

## III. <u>Ic-cedoli</u>

Ic-cedoli ta` depozitu li sejrin jitqiesu huma :-

i) Cedola Nru 783/2006 (PA) ghall-ammont ta` €40,249.42, liema ammont jirrapprezenta sehem Michael Debono mill-bejgh tal-fond "Villa Debono" go Hal-Balzan.

ii) Cedola Nru 1338/2010 (PA) ghall-ammont ta` €23,570 konsegwenti ghall-ezekuzzjoni ta` Mandat ta` Sekwestru kontra Michael Debono.

iii) Cedola Nru 1950/2006 (QMM) ghall-ammont ta` €499.16 wara digriet ta` din il-Qorti tal-11 ta` Settembru 2014 (fol 269).

iv) Cedola Nru 1186/2010 (PA) ghall-ammont ta` €1630.60 wara l-istess digriet (fol 270).

v) Cedola Nru 1102/2014 (PA) ghall-ammont ta` €18,248.93 wara l-istess digriet (fol 267).i

## IV. Il-konkorrenti

Inizjalment kienu ammessi jikkonkorru sitt (6) kredituri. Fil-kors tal-procediment, wiehed minnhom id-Direttur Generali (Taxxi Interni) irtira mill-konkors billi lahaq thallas il-kreditu tieghu.

Il-konkorrent rimanenti huma :-

1) **Is-socjeta` Bank of Valletta p.l.c.**
2) **Is-socjeta` Savemart Company Limited**
3) **Is-socjeta` Paolo Bonnici Limited**
4) **Salvatore D` Emmanuele esercenti l-kummerc bl-isem S & A D` Emmanuele**
5) **Alf. Mizzi & Sons (Marketing Limited).**

## V. Il-konkluzjonijiet tal-perit legali

Fl-**ewwel** relazzjoni tieghu, il-perit legali jaghmel riferenza ghall-provi akkwiziti. Abbazi ta` dawk il-provi, kif ukoll wara li ha in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet bil-miktub li ghamlu l-konkorrenti, jikkonkludi li :-

***"il-Bank of Valletta plc huwa l-kreditur li ghandu jizbanka ghalih wahdu u ad eskluzjoni ta` kull kreditur iehor, is-somom kollha depozitati fic-cedoli numri 783/2006 u 1338/2010."***

Fit-tieni relazzjoni, il-perit legali jikkonkludi li :-

**Bank of Valletta plc ghandha tizbanka ghaliha wehidha u allura ad eskluzjoni tal-kredituri konkorrenti l-ohra l-import tat-tliet cedoli l-ohra**.

Il-perit legali mmotiva din il-konkluzjoni minhabba l-fatt ippruvat illi Bank of Valletta plc hija l-unika kreditur li ghandha kawza ta` preferenza skond dawn l-iskrizzjonijiet ipotekarji :-

a) Nru 8747/1998 ghas-somma ta` Lm 200,000 ekwivalenti ghal €465,874.67 : Dok MD/RA/3 a fol 224 ;

b) Nru 5083/1999 ghas-somma ta` Lm 30,000 ekwivalenti ghal €69,881.20 : Dok MA/RA/2 a fol 212 ;

c) Nru 5088/1999 ghas-somma ta` Lm 70,000 ekwivalenti ghal €163,056.13 : Dok MA/RA/3 a fol 213 ;

d) Nru 21165/2005 : Dok MD/RA/5 a fol 226.

Il-perit legali kkonkluda illi Bank of Valletta plc hija kreditur ghal total ta` €495,751.25 (€438,804.48c + €56,946.77c) eskluzi l-imghaxijiet.

## VI. Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti

L-iskop ewlieni ta` konkors ta` kredituri huwa li jistabilixxi liema kreditu jippregradwa fil-konfront ta` iehor. Il-kawza ta` preferenza trid tkun validament registrata skond il-ligi, hekk kif jirrizulta li sehh fil-kaz tal-lum fil-kaz tal-krediti ta` Bank of Valletta plc. Il-Qorti tikkondividi l-accertamenti, il-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet ta` fatt u ta` dritt li saru mill-perit legali u taghmilhom taghha ghall-finijiet u effetti kollha tal-provvediment tal-lum.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tichad l-ewwel talba ghall-finijiet u effetti kollha ta` dan il-procediment.**

**Tilqa` t-talbiet l-ohra tar-rikorrent, kemm dawk inizjali, kif ukoll dawk li kienu awtorizzati fil-kors tal-procediment.**

**Tordna li l-import kollu tac-cedoli ta` depozitu bin-numri Prim`Awla tal-Qorti Civili : 783/2006 ; Prim`Awla tal-Qorti Civili : 1338/2010 ; Qorti tal-Magistrati (Malta) : 1950/2006 ; Prim`Awla tal-Qorti Civili : 1186/2010 ; u Prim`Awla tal-Qorti Civili : 1102/2014 ghandu jigi zbankat fl-intier mis-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. biex b`hekk ikun sodisfatt in parte l-kreditu taghha.**

**Tiddikjara li effett tal-izbank mis-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. mhux se jkun hemm fondi biex ikunu sodisfatti kredituri konkorrenti ohra.**

**Tordna li kull kreditur konkorrent ihallas l-ispejjez tieghu skond il-kreditu li kien qieghed jippretendi li jithallas.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**